RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 12**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa` nhar**
**It-Tnejn 19 ta' Settembru 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 11**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A11 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur George Attard. Il-minuti gew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A11

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 11**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A11

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti A 11**

3.01 Dwar minuta 4.02, is-Sur Paul Grech informa l-laqgha li l-Kunsill kien ser jaghmel applikazzjoni wahda peress li kien hemm 'playgfield' li taqa taht ir-Rabat u ohra taht il-KA tal-Bahrija. Il-Kunsillier inkarigat minn dawn il-'playingfields' huwa s-Sur Frans Chircop. Skema ta' Finanzjament ghal titjib fil-playingfields (Memo 66/2011)



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.02 Dwar minuta 5.00, is-Sur Paul Grech informa l-laqgha li dawn it-tlett bozoz kienu ghadhom ma gewx installati peress li l-kuntrattur kien imsiefer. *Installazzjoni ta' bozoz godda*

**4.00 Komunikazzjoni mill-Agent Segretarju Ezekuttiv**

4.01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li kienet irrispondiet lill-Ombudsman dwar l-ilment fuq il-fossa, izda s'issa 'acknowledgement' biss ircevejna. *Ittra lill-Ombudsman*

4.02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-Kunsill accetta li l-Kumitat Amministrattiv ghandu jigbor petizzjoni f'isem ir-residenti dwar l-istess fossa. Din il-petizzjoni ghandha tkun indirizzata lill-Ministru Tonio Fenech, u kkuppjata lill-'Ombusman', lill-Prim Ministru, lill-Onor. Chris Said, lill-Onor. Stephan Buontempo, lill-Onor. Joe Mizzi, lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u lill-Ombudsman. Il-Kunsill iddecieda li barra l-petizzjoni ghandha ssir ukoll konferenza stampa u li l-petizzjoni ghandha tintbghat ukoll lil membri parlamentari kollha. Il-Kumitat qabel. *Petizzjoni dwar il-fossa tal-Bahrija*

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur George Attard informa l-laqgha li gie avvicinat minn xi residenti fejn gibdulu l-attenzjoni li sena ilu kienet inqalghet bozza mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta mill-Gnien tan-Nigra u baqghet ma regghetx twahhlet. *Bozza maqlugha mill-Gnien tan-Nigra*

Is-Sur Paul Grech qal li l-Kunsill jaf b'dan il-kaz. Fil-fatt kien diga tkellem mal-'Foreman' tal-Korporazzjoni Enemalta tad-distrett taghna u qallu li din ghadha ma twahhlitx peress li l-Korporazzjoni m'ghadniex 'bracket' addattatha ghal din it-tip ta' bozza. Ghaldaqstant, il-Kunsill qed jahdem sabiex jipprovdi din it-tip ta' 'bracket' lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex titwahhal mill-aktar fis.

5.02 Is-Sur George Attard gibed l-attenzjoni li fi Triq il-Lewz u fi Triq il-Qastan hemm hafna haxix hazin bejn il-bankina u l-kurduna, tant li qed jaqsam il-kurduna. Huwa ssuggerixxa li dan ghandu jinqata mill-aktar fis sabiex ma jkompliex jaghmel hsara. Il-Kumitat qabel. *Qtugh ta' haxix fi Triq il-Lewz u Triq il-Qastan*

5.03 Is-Sur George Attard informa l-laqgha li l-voltagg tad-dawl fid-djar qed jitbaxxa ta' spiss u ssuggerixxa li ghandna nibghatu dan l-ilment lill-Korporazzjoni Enemalta. *Vultagg tad-dawl baxx*

Il-Kumitat qabel.

5.04 Is-Sur Paul Galea ssuggerixxa li fil-Fiddien, ezattament f'salib it-toroq ta' bejn l-Imtahleb u l-Bahrija u r-Rabat, ssir applikazzjoni mat-Transport Malta sabiex jigi mmarkat in-nofs tat-triq sabiex ix-xufiera jzommu n-naha taghhom. Din il-'junction' hija perikoluza mmens. Il-Kumitat qabel. — Applikazzjoni ma' Transport Malta – Sinjali tal-karreggata fil-Fiddien

5.05 Is-Sur Paul Galea ssuggerixxa li jsir il-'patching' fil-Gnien tan-Nigra u f'Tas-Sirena. Il-Kumitat qabel. — Patching fil-Gnien tan-Nigra u f'Tas-Sirena

**6.00 Aggornament**

6.01 L-agenda giet ezawrita u l-laqgha ntemmet fis-7.00 p.m. Sar aggornament ghal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011 fis-6.30 p.m. — Aggornament

| | |
|---|---|
| **Paul Grech** | **Orietta Masini Cardona** |
| **Chairperson** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** |